

## L-ALTARI LATERALI TAL-KNISJA TA' LAPSI (II)

# L-Altar ta' San Ġużepp

TA' ANDREW BORG, B. ED (HONS), M. ED

Ftit qabel ma' bdejna naħdmu fuq l-ewwel edizzjoni ta' din il-pubblikazzjoni wasal lura fil-Knisja ta' Lapsi l-inkwadru restawrat ta' San Ġużepp u kellna l-ħsieb li nibdew din is-sensiela bih. Iżda mbagħad ħsibna li jkun aktar xieraq li nibdew bil-kwadru ddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, minħabba l-konnessjoni li għandu mal-isem tal-knisja tagħna. Għalhekk din is-sena se niffukaw fuq l-altar ta' San Ġużepp, li wara x-xogħol ta' restawr li sar fuqu mis-Sur Manwel Zammit, qed jiġbed aktar attenzjoni minn qabel. Fil-fatt ir-restawratur ħa ħsieb li jerġa' jagħti l-ħajja lill-kuluri ta' din il-pittura, li skond Buhagiar[1] huma l-unika preġju li għandha. Filfatt huwa jgħid li '*kromatikament il-kwadru mhux ta' min jarmih imma dan huwa dettal ta' ftit importanza f'xogħol li mill-bqija huwa dgħajjef.*'

Ta' interess akbar għalina huwa l-fatt innifsu li fil-knisja tagħna għandna altar ddedikat lil San Ġużepp. Wieħed mill-ewwel tiġih f'rasu l-istatwa artistika tal-istess qaddis li għandha l-parroċċa u li mindu nfetħet il-knisja l-ġdida tniżżlet hemm flimkien ma' dik titulari, dik tar-ružarju u d-duluri. Dawn flimkien mal-ħjiel ta' storja li għandna fuq l-eżistenza ta' fratellanza Ġużeppina[2] huma indikazzjonijiet validi ta' devozzjoni lejn San Ġużepp fil-parroċċa tagħna. Madanakollu t-tagħrif li għandna huwa limitat wisq, u wieħed jittama li għad isir riċerka f'dan ir-rigward.

Fil-perjodu ta' qabel San Ġiljan sar parroċċa ma jidher li hemm l-ebda ħjiel ta' devozzjoni lejn dan il-qaddis. Il-kwadru jġib id-data tal-1894. Din id-data ġġibilna f'moħħna tkabbir li kien għadu kif sar fil-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien, meta żdidulha l-altari laterali. U proprju wieħed minn dawn l-altari laterali ġie ddedikat lil San Ġużepp. Għandna anke ritratti li juru lill-ewwel kappillan, Dun Ġużepp Xerri flimkien mal-ħaddiema voluntiera li wettqu x-xogħol tat-tkabbir fuq il-knisja tagħna. Dawn ir-ritratti ttieħdu f'dik in-naħa fejn illum hemm l-altar ta' San Ġużepp.[3] Said huwa tal-fehma li kien dan l-ewwel kappillan li tefa' fil-ħamrija Ġiljaniża l-ewwel żerriegħa ta' devozzjoni Ġużeppina.[4] Probabbilment għen il-fatt li dan kien qaddis ismu stess.

Pero' rridu niftakru ukoll li f'dak iż-żmien il-Knisja kienet qed tifhem u tfiehem ir-rwol ta' dan il-qaddis fl-istorja tas-salvazzjoni, l-aktar bil-pubblikazzjoni tal-Enċiklika *Quamquam Pluries* fil-15 t'Awissu 1889 mill-Papa Ljun XIII. L-imsemmi Papa jmur jippreżenta lill-fidili Nsara lil dan il-qaddis bħala l-Patrun tal-Knisja Universali, u jqiegħda taħt il-ħarsien tiegħu, fi żmien meta din kienet għaddejja minn maltemp kbir.





*Il-kwadru restawrat (fuq) u l-altar ta' San Ġużepp armat għall-festa (lemin).*



Dun Ġużepp fehem l-importanza ta' dan kollu, tant li minbarra li ddedika altar laterali għal San Ġużepp, huwa ħalla b'wirt is-somma ta' żewġ liri fis-sena 'biex permezz tagħhom tiġi ċċelebrata l-festa tal-Patronċinju ta' San Ġużepp... nhar it-tielet Ħadd tal-Għid.'[5]

Bonnici (1992) jagħtina ħjiel li fi żmien il-Kappillan Bonanno twieldet fil-parroċċa tagħna l-fratellanza ta' San Ġużepp.[6] Dan jikkonfermah Said[7] li jsostni ukoll li l-kult Ġużeppin f'San Ġiljan ħa rankatura'l quddiem fi żmien dan l-itwal parrokkat fl-istorja tal-parroċċa tagħna. Ir-raġunijiet li jagħti huma bażikament relatati mal-provenjenza ta' dan il-kappillan minn Ħaż-Żebbuġ fejn l-istess kult kien kbir, forsi aktar milli għadu llum.

L-istatwa ta' San Ġużepp ma tissemma mkien qabel il-parrokkat ta' Dun Anton Debono. Calleja[8] filwaqt li jelenka l-opri li saru fi żmien dan il-kappillan, isemmi 'statwa ta' San Ġużepp' bla ma jagħti l-ebda dettalji oħra dwarha, dwar min għamilha, min ikkumissjonaha u min ħallasha.

Kif wieħed jista' japprezza l-ħjiel storiku li għandna huwa wieħed sporadiku iżda huwa biżżejjed biex jagħtina x'nifhmu li devozzjoni kien hemm. Minkejja l-fatt li, kif semmejna aktar 'il fuq l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa kien diġa' ħaseb biex il-festa tal-patronċinju ta' San Ġużepp tkun ċelebrata regolarment u kif jixraq, ma nsibux tagħrif dwar din il-festa f'dawn l-ewwel żminijiet tal-parroċċa. L-ewwel darba li jidhru xi spejjeż imniżżla b'konnessjoni ma' din il-festa huwa fis-sena 1919 jiġifieri fi żmien il-kappillan Bonanno.[9] Jidher li ż-żerriegħa li żera' Xerri fl-ewwel snin tal-parroċċa tagħna kienet kibret sa żmien Bonanno u dan ħaseb biex jikkultivaha sewwa.





*Il-Mewt ta' San Ġużepp, pittura ta' Salvatore Barbara fil-Mosta.*

**Salvatore Barbara**

Ftit nafu fuq dan il-pittur, forsi anke għax ftit kien magħruf fil-qasam tiegħu, għalkemm ix-xogħlijiet tiegħu mhumiex ftit, u nsibuhom imxerrda f'bosta knejjes hawn Malta.[10] Jingħad li twieled il-Belt Valletta fl-1835 u miet sittin sena wara fl-1895.[11] Tħarreġ taħt Ġużeppi Hyzler (1793-1858) u x-xogħlijiet tiegħu huma ddatati lejn it-tieni nofs tas-seklu XIX.[12] Fil-fatt l-ewwel data ċerta li għandna ta' xogħol minn tiegħu hi dik tal-1852 meta rrestawra l-kwadretti tal-Via Sagra fl-Oratorju tas-Sagrament fil-Knisja tal-Portu Salvu, il-Belt.[13] Seba' snin wara pitter għall-istess oratorju żewġ pitturi li juru lil *Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani* u anke *Il-Qawmien mill-Mewt ta' Lażżru*. Il-Belt ukoll għand il-Ġiżwiti nsibu pittura tiegħu li turi l-Madonna tal-Karmnu.[14] Skond Buhagiar[15] l-aħjar xogħol tiegħu huwa *Il-Mewt ta' San Ġużepp*, li jinsab fil-Knisja tal-Mosta. Fil-Knisja ta' Lapsi għandna żewġ xogħlijiet tiegħu, dak ta' San Ġużepp li qed nitkellmu dwaru din is-sena u dak ta' Sant'Anna u San Ġwakkin bil-Madonna Tifla. Dawn iż-żewġ kwadri huma fost l-aħħar xogħlijiet ta' Salvatore Barbara.

**Il-Pittura**

Il-kummenti ta' Buhaġiar[16] dwar dan il-kwadru huma qsar iżda konċiżi. Iqabblu mal-ieħor ta' Sant'Anna u San Ġwakkin f'żewġ sensi; wieħed tajjeb, għax fih jara "l-istess tonalitajiet ċari u l-istess dawl bajdani", u l-ieħor mhux daqstant tajjeb, għax fih ma jarax is-seħer li għandu l-kwadru l-ieħor. Il-pittur ħaseb biss biex jagħtina "figura statweska ta' San Ġużepp riekeb fuq sħaba tajjar." Il-kuluri li bihom huwa mlibbes il-qaddis huma dawk tradizzjonalment assoċjati miegħu: libsa blu tagħti fil-vjola u mant kannella ċar, filwaqt li Ġesu' Bambin jidher liebes l-aħmar. Ma jonqosx il-bastun bil-ġilju spuntat minnu. Wieħed japprezza l-attenzjoni sħiħa li ried jagħti l-pittur lil San Ġużepp u l-Bambin, tant li madwarhom ma jpoġġi xejn ħlief sħab. L-ebda distrazzjoni, l-ebda xinxilli, xejn ħlief is-suġġett reliġjuż – xi ħaġa li tfakkarna fil-moviment tan-*Nazzareni* li hawn Malta kellu l-influwenza tiegħu ukoll fuq l-arti sagra ta' dak iż-żmien.

RIFERENZI

1 Buhagiar M., 'Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u ta' Lapsi' fi Fiorini, S. (ed.), 1992, *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Deer Publications, Malta, p. 198
2 Said Manwel, 2006, 'Il-Fratellanza ta' San Ġużepp' f'*San Ġiljan Festa 2006*, pp. 57-58
3 Ir-ritratti dehru f'*San Ġiljan Festa 2005*, p. 53
4 Said 2006, op. cit.
5 Ibid.
6 Bonnici Alexander, 'Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan 1849-1942' fi Fiorini 1992, p. 175
7 Said, 2006, op. cit.
8 Calleja, Can. Carm, 'Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech' fi Fiorini 1992, p. 219
9 ASĠ, Libro Esito Amminstrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano.
10 Buhagiar 1992, op. cit, p. 197
11 Tagħrif miġjub mis-sit www.karmelitanimalta.org
12 Buhagiar 1992 op. cit., p. 197
13 Ibid.
14 Tagħrif miġjub mis-sit www.karmelitanimalta.org
15 Buhagiar 1992, op. cit., p. 197
16 Ibid.